

# Fascinating Morocco

## Grupp A: 15 - 22 ta' Marzu
## Grupp B: 06 - 13 ta' Ġunju

**8 t'ijiem**

**INŻURU: CASABLANCA, RABAT, MARRAKESH, ESSAOUIRA, OURIKA VALLEY, ATLAS MOUNTAIN, TIMALIZINE**

## L-EWWEL JUM

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-07:30 għat-titjira KM726 li ttir fid-09:30 u naslu Casablanca fis-13:00. Wara transfer bil-kowċ lejn Marrakesh. Akkomodazzjoni ġewwa l-hotels, Grupp A Zalagh Kasbah u Grupp B Hotel Ayoub 4 stars. Ċena fil-hotel.

## IT-TIENI JUM

Wara li nieħdu l-buffet breakfast għadna eskurssjoni li teħodna ġewwa **Marrakesh** huwa festa għas sensi tagħna, illum se naraw kuluri vivaċi u aromi differenti li joffru l-spice markets, waqt li nisimgħu mużika naraw tapiti u ikel tipiku ta' dan il-post. Se naraw kwantita ta **souqs kollha mużajk li joffru fuħħar, artiġjant,** ġilda**, twapet eċċ... Il-monumenti li nsibu f'Marrakesh** huma vasti ħafna; jibdew mill Moskea famuża ta' Koutoubia – moskea famuża ħafna mad-dinja Iżlamika sa ġnien tropikali tal-pittur Franċiż Jacques Majorelle – dan il-ġnien illum huwa ta' Yves Saint Laurent. Naraw **Palais Bahia** li huwa eżempju ċar tal-arkitettura Musulmana u fdalijiet ta' **Palais Badi** li kien wiħed mill-isbaħ postijiet fid-dinja, inżuru l-oqbra **Saadian** li riċentament ġew skoperti u huma mżejna b'mosaic Marrokin mill-isbaħ. Naraw ukoll **Jma El Fna Square**, nirritornaw lura l-hotel.

## IT-TIELET JUM

Illum ser ikollna eskurssjoni mill-iżjed interessanti għal-belt ta **Essaoira**. Din il-belt tinsab fuq il-kosta Atlantika. Hawnhekk insibu temperatura stabbli ta 20C matul is-sena kollha. Il-bajja b'ramel dehbi hija popolari ferm ma min jippratikka l-isport tal-wind surfing. Fil-port naraw restoranti li jservu ħut frisk u fil-**Medina** li hija mdawra b'bini Portugiz bħala difiża naraw nies li jaħdmu l-injam u l-fidda.

Din il-Medina hija waħda mill-isbaħ li ssib fil-Marokk fejn tagħtik mixja pjaċevoli ħafna. Ikollna ħin liberu għal personal sightseeing. Ħarġa mal-leader u ċena fil-hotel.

## IR-RABA' JUM

Wara breakfast ser ikollna excursion mill-iżjed avventuruża fejn se jkollna l-opportunita li nsuqu famużi **quadbikes**, gwidi tal-esperjenza jieħduna fuq vjaġġ avventuruz fejn naraw varjeta t'artijiet diversi ta' xmajjar, duni tar-ramel, u moghdijiet densi li jinsabu madwar Marrakesh. Wara ikollna ħin għal ikel u ħin liberu. Filgħaxija għadna Fantasia show **Chez Ali** fejn f'oasi fid-deżert nieklu ikel tal-lokal u nieħdu pjaċir flimkien f'atmosfera rilassanti. Waqt dan is show se nkunu nistgħu naraw u nisimgħu **muzika,** żfin**, horseback riding, akrobati, logħob tan-nar eċċ.** Hawnhekk ser ikollna stampa ċara tal-kultura ta' dan il-post. Nirritornaw lura l-lukanda.

## IL-ĦAMES JUM

L-eskurssjoni tal-llum se teħodna fid-direzzjoni tal-**Atlas Mountains**, vjaġġ fejn matulu ser naraw siġar kbar taż-żebbuġ sabiex naslu sa **Ourika Valley** fil-villaġġ ta **Tnine Ourika**. Hawnhekk kull nhar ta' Tnejn ikun hawn monti kbir fejn in-nies tal-lokal jiġu jixtru minnu. Inżuru villaġġi berberi bit-terrazzini kkultivati tipikament ta dawn il villaġġi sa ma naslu f'villaġġ **Timalizine**. Hawnhekk se naqsmu pont u naslu fit-triq prinċipali biex nerġgħu naqbu il-vjaġġ tagħna lejn **Ourika Valley**. Pranzu f'restorant tal-lokal u wara immorru passiġġata biex naraw waterfalls li joffri dan il-villaġġ. Wara jkollna l-opportunita li tirkbu l-ġemel (extra). Nirritornaw lura lukanda għaċ-ċena.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half Board,entraturi u taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €940 | €890 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €945 | €895 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1070 | €1020 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €780 | €730 |

**Prezz Jinkludi:**

- Titjira Air Malta; Malta – Casablanca - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 3 t'iljieli akkomodazzjoni Hotel Idounafa ġewwa Casablanca jew simili
- 4 t'ijieli fil-Hotel Grupp A Zalagh Kasbah u Grupp B Hotel Ayoub ġewwa Marrakesch
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Ċena kuljum
- Taxxi u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund

NB: Grupp B jiltaqa' l-ajruport fis-14.30 għat-titjira KM 724 li ttir fl-16.30 u tasal Casablanca fis-18.55. Ir-Ritorn sa jkun mal-KM 725 li jttir fit-19.55 u naslu lura Malta f'23.55.

## IS-SITT JUM

Wara li nieħdu l-buffet breakfast, nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' **Casablanca**. Ikollna city tour mill-iżjed interessanti ma' din il-belt. Casablanca għandha taħlita ta stil modern u tradizzjonali li flimkien jaghmlu din il-belt hekk meraviljuża. Hawnhekk ser naraw ħafna postijiet ta' nteress **bħal Central Market, Habous District, Royal Palace, Hassan II Mosque u l-pjazza Mohammed V eċċ.** Akkomodazzjoni ġewwa l-hotel Idouanfa. Ċena fil-hotel.

## IS-SEBA' JUM

Excursion mill-iżjed interessanti għal-belt kapitali tal-**Marokk – Rabat**, mal-wasla tagħna ġo din il-belt ikollna city tour fejn naraw postijiet storiċi, kulturali u reliġjużi. Naraw **Hassan Tower, Mausoleum of Mohammed V fejn jinżammu fdalijiet ta' Re Mohammed V u uliedu**. Ħin liberu għal ikel (extra). Inkomplu l-excursion tagħna lejn **Bou Regreg River** fejn nieqfu biex naraw **Kasbah of the Udayas** li kien inbena fi żmien ir-renju ta' Almohad. L-aħħar żjara tagħna tkun ġewwa l-Medina l-antika tar-Rabat. Hawn naraw ir-rampi **tal-Palazz irjali** kif ukoll il-ġonna tiegħu. Nirritornaw Casablanca, ċena fil-Hotel.

## IT-TMIEN JUM

Wara li nieħdu l-breakfast ikollna ftit ħin liberu u transfer bil-kowċ lejn l-ajruport għat-titjira KM727 li ttir fit-14:00 u naslu lura Malta fil-16:55.


Triq Sant Anna, Il-Furjana
Tel: 2125 0526, 2124 3562